

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1110/2009

tat-18 ta' Novembru 2009

**li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u l-Mediterran min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Greċja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika komuni tas-sajd<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ġerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid<sup>(3)</sup>, jistabbilixxi l-kwoti għall-2009.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew ir-reġistrati fil-eżawrew il-kwota allokkata lilhom għall-2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Fokion FOTIADIS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

<sup>(1)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

<sup>(2)</sup> ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1.

(3) Għalhekk jeħtieġ li s-sajd għal dak l-istokk, kif ukoll iż-żamma tiegħu abbord, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art ikunu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

### **Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2009 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata fdak l-Anness.

**Artikolu 2**

### **Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew ir-reġistrati fil-għandu jkun ipproġbit mid-data stipulata fdak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbuda minn dawk il-bastimenti.

**Artikolu 3**

### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## ANNESS

Nru	29/T&Q
L-Istat Membru	Il-Greċja
L-Istokk	BFT/AE045W
L-Ispeċi	Tonn ( <i>Thunnus thynnus</i> )
Żona	L-Océan Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Mediterran
Id-Data	17 ta' Ottubru 2009